MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. NEVILLE CAMILLERI

Seduta tat-22 ta' Frar, 2012

Numru. 68/2010

**IL-PULIZIJA**
(Spettur Frank Anthony Tabone)

**vs.**

**PAUL MICALLEF**

**Illum 22 ta' Frar 2012**

**Kumpilazzjoni Numru 68/2010**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjoni migjuba fil-konfront ta' Paul Micallef ta' tmienja u tletin (38) sena, iben Carmel u Pauline nee' Cauchi, imwieled ir-Rabat, Ghawdex, nhar it-13 ta' Mejju 1972, residenti fil-fond "Anora", Triq l-Ispiera, Xaghra, Ghawdex, detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 12072(G), akkuzat talli;

Nhar it-28 ta’ Mejju, 2010 gewwa Ghajnsielem Ghawdex, u f’postijiet ohra gewwa Ghawdex, ghal habta tas-siegha ta’ wara nofsinhar (13.00hrs), volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew imobbli, ghad-dannu ta’ David Muscat (ID. No. 29252G) u/jew persuni ohra liema hsara tiskorri l-valur ta’ mija u sittax-il euro u sebgha u erbghin centezmu (€ 116.47), izda ma tiskorrix l-elf mija u erbgha u sittin euro u disgha u sittin centezmu (€1,164.69).
Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali tal-15 ta’ Lulju 2010 sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet lill-kwerelant David Muscat jiddikjara fis-seduta tal-lum li huwa ghazel li ma jixhidx f’dawn il-proceduri u semghetu wkoll jiddikjara li m’ghandu l-ebda pretensjoni fil-konfront tal-imputat.

Ikkunsidrat

Illi l-Qorti semghet lill-Ufficjal Prosekutur jixhed f’din il-kawza u li l-imputat ghazel li ma jixhidx u li ma ressaq l-ebda provi.

Ghaldaqstant, il-Qorti, fuq nuqqas ta’ provi, tillibera lill-imputat mill-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------